MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 571/2008

**Mary Debono 541523(M), Carmel Debono 13746(M), Joseph Debono 313448(M), Antoinette Francica 170347(M), Mary Rose Francica 798049(M) u Raymond sive` Ramon Debono 184263(M)**

***kontra***

**Concetta Scerri 542228(M), u b`digriet tas-26 ta` Mejju 2009 gew kjamati fil-kawza Louis Scerri, Lawrence Scerri u Mary Rose Briffa**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahlufipprezentat fit-3 ta’ Gunju 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huma sidien u jippossjedu l-propjeta` konsistenti f`maisonnette li tinsab f`numru 12, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar li tinkludi parapett fuq quddiem tal-fond u tarag li jaghti ghall-istess parapett ;*

*2. Illi l-intimata tirrisjedi fil-fond terran sottopost ghall-propjeta` tar-rikorrenti ;*

*3. Illi z-zewg propjetajiet jippossjedu l-parapett fuq quddiem u t-tarag li jaghti ghall-istess parapett komunament bejniethom ;*

*4. Illi l-intimata f`din l-ahhar sena ghamlet xogholijiet u atti konsistenti f`bini ta' hajt matul il-parapett kif ukoll cekknet il-wiesa` tat-tarag li jaghti ghall-istess parapett u ftit ftit bdiet tnaqqas, tilimita u ttellef l-uzu u l-godiment tal-access tar-rikorrenti ghall-propjeta` taghhom mill-istess parapett u tarag rispettivament ;*

*5. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sahansitra permezz ta` ittra ufficjali tat-23 ta` Ottubru 2007 izda baqghet inadempjenti ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tieqaf din il-molestja ;*

*6. Illi bl-agir illegali taghha l-intimata qed timmolesta d-drittijiet tar-rikorrenti fil-pussess taghhom ;*

*7. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m`ghandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, ghar-ragunijiet fuq imsemmija li :*

*1. Occorrendo tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tal-intimata ossia l-bini ta` hajt matul il-parapett u t-tnaqqis tad-daqs tat-tarag li jaghti ghall-istess parapett huwa wiehed abbuziv u llegali kontra r-rikorrenti bi ksur tal-ligi inter alia bi ksur tal-Artikolu 534 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tordna u tipprefigi illi l-intimata fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti twaqqa` u tnehhi l-hajt li bniet matul il-parapett u terga` tibni t-tarag li jaghti ghall-istess parapett ghad-daqs originali tieghu ;*

*3. Tordna illi fin-nuqqas li l-intimata taghmel dak lilha ordnat, ir-rikorrenti jkunu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji huma stess a spejjes tal-istess intimata ;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta` Ottubru 2007 minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta pprezentata fit-23 ta` Frar 2009 li taqra hekk -

*1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors guramentat in vista ta` l-illegittimita` tal-persuna ta` wahda mill-atturi minhabba mard tal-mohh ;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-gudizzju ma huwiex integru stante li l-esponenti ma hijiex l-unika sid tal-fond numru sitta u ghoxrin (26) gja tlettax (13) fi Triq San Gerardu, San Pawl il-Bahar, mertu tal-kawza ;*

*3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi*
*ma humiex possessuri tal-parapett mertu tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija perenta u dan peress li ddekorra l-perijodu ghall-ezercizzju ta` l-azzjoni kontemplata bl-Art.534 tal-Kap.16 ;*

*5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ;*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta` dawk l-eccezzjonijiet, l-esponenti tiddikjara s-segwenti :*

*1. Illi l-hajt li sar fil-parapett u li jikkostitwixxi l-mertu tal-kawza ilu li sar aktar minn hdax-il sena. Matul dan il-perijodu, l-atturi qatt ma ressqu xi oggezzjoni. Ghall-kuntrarju, l-attrici Mary Debono kienet approvat ix-xoghol. Jigi dikjarat li din Mary Debono tinsab rikoverata f`istituzzjoni ghal persuni anzjani u l-ahhar darba li l-esponenti marret izzurha madwar tliet snin ilu ma kenitx tista` tikkomunika sew ;*

*2. Illi l-fond numru 26 gja 13 jappartjeni lill-esponenti (li tgawdi wkoll l-uzufrutt tieghu) kif ukoll lil uliedha Louis, Lawrence u Mary Rose bhala eredi ta` Joseph Mary Scerri ;*

*3. Illi l-attur Raymond sive` Ramon Debono ghamel perijodu twil ighammar fil-fond numru 12, Triq San Gerardu, San Pawl il-Bahar, flimkien ma` martu Valerie u matul dan il-perijodu qatt ma ressaq xi oggezzjoni ghall-izvilupp ;*

*4. Illi dan l-izvilupp sar bil-pjena konoxxenza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet li huwa s-sid tal-parapett de quo kif ukoll ta` l-atturi u dan kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuta.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Mejju 2010 (fol 19) fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta` Louis Scerri, Lawrence Scerri u Mary Rose Briffa.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza, mahlufa mill-kjamat Louis Scerri, u prezentata fis-26 ta` Gunju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fil-kaz odjern ma japplikawx il-massimi kontemplati bl-Art.534 tal-Kap.16 u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ;*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta` dawn l-eccezzjonijiet, l-istess Louis Scerri jiddikjara s-segwenti fatti, liema fatti huwa jaf bihom personalment :*

*1. Illi l-hajt li sar fil-parapett u li jikkostitwixxi l-mertu tal-kawza ilu li sar aktar minn hdax-il sena. Matul dan il-perijodu, l-atturi qatt ma ressqu xi oggezzjoni ;*

*2. Illi dan l-izvilupp sar bil-pjena konoxxenza tal-Kummissarju ta` l-artijiet li huwa s-sid tal-parapetti de quo kif ukoll ta` l-attur u dan kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kjamati fil-kawza.

Semghet u qieset il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Gunju 2010 fejn il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Rat li a tenur tad-digriet taghha moghti fl-imsemmija udjenza, l-atturi pprezentaw in-nota ta` osservazzjonijiet taghhom fl-24 ta` Gunju 2010, waqt li l-konvenuta u l-kjamati fil-kawza pprezentaw in-noti ta’ osservazzjonijiet taghhom fil-21 ta` Lulju 2010.

Ezaminat bir-reqqa l-kontenut tat-tliet noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta` Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

**Il-Kwadru tal-Provi**

## I. Il-Provi tal-Atturi

Ix-xhud principali tal-atturi kien l-attur Carmel Debono li xehed viva_voce (fol 40) li dahal fid-dettall tal-kwistjoni. Xehdu wkoll viva voce l-atturi Antoinette Francica (fol 50) u Mary Rose Francica (fol 53) li fil-verita` ftit li xejn setghu jitfghu dawl fuq il-kwistjoni ghax ma kienux jafu meta ttella` l-hajt mertu tal-kwistjoni u li wassal biex saret din il-kawza. L-attur l-iehor Raymond sive' Ramon Debono, li skond il-konvenuti, kien ighix abitwalment fil-fond tal-atturi meta nbena l-hajt, ma resaqx sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz inkella sabiex jaghti l-versjoni tieghu dwar il-fatti kif hargu mill-provi tal-konvenuti. Ghalhekk, fil-konsiderazzjoni tal-assjem tal-provi, din il-Qorti se taghti piz ghal dan il-fatt.

Il-kwadru li johrog mix-xhieda ta' Carmel Debono huwa dan :

Il-fond 12, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar, huwa post tal-villeggjatura u huwa kompropjeta` tal-attrici Mary Debono u tal-erba` atturi l-ohra wlied l-istess Mary Debono. Il-konvenuta tokkupa l-fond 13, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar, li wkoll huwa post tal-villeggjatura u jinsab ma` genb dak tal-atturi.

Carmel Debono ighid hekk :

*Dal-ahhar peress li l-mama` ma telghetx izjed u l-papa` kien miet pjuttost ma tantx tlajna 'l hemmhekk ghax ma tantx kien jinteressana.*

Bejn iz-zewg postijiet qatt ma kien hemm hajt (ara DOK CD6) u allura l-access taghhom kien dejjem liberu. Kien hemm tarag komuni kemm ghall-post tal-atturi kif ukoll ghal dak tal-konvenuta. Gara li l-konvenuta l-ewwel ghamlet rixtellu tal-injam. Ghal dan l-atturi ma oggezzjonawx ghax setghu jibqghu jghaddu ghall-fond taghhom billi jifthu l-gate, ighaddu u jaghlquh warajhom. In segwitu l-konvenuta bniet hajt gholi minn tlieta sa erba' filati (ara DOK CD4) b'mod li huma ma setghux jaccedu aktar ghall-fond taghhom minn dak it-tarag. Il-bini tal-hajt gab il-konsegwenza li jekk qabel l-atturi kellhom zewg ghazliet kif jaccedu ghall-post taghhom, bil-hajt l-access gie limitat min-naha wahda.

Carmel Debono jixhed hekk :

*Issa jiena peress li wiehed minn dawk li ma tantx nitla` niffrekwenta 'l hemmhekk, ma nistax nghidlek b'certezza bil-gurnata meta tela` dal-hajt. Pero` li niftakar zgur huwa jiena kienet mietet il-mara f'Mejju 2007 u bdejt naghmel is-shopping jien … kont nitla` ghand Connie tal-hut … u niftakarni hemmhekk ingib xi mail ghax il-kaxxa tal-letterbox qieghda mwahhla mal-bieb ta` barra u … sa dak iz-zmien zgur li ma kienx jezisti … sal-bidu tas-sajf tal-2007 … f'Settembru tal-istess sena l-hajt tela` jigifieri l-hajt tela` f`dak is-sajf tal-07 … saret ittra ufficjali mmedjatament … dak kien fis-sajf bejn wiehed u iehor xi Gunju il-mara mietet f`Mejju … iktar lejn l-ahhar ta' Gunju jew forsi mid-June.*

Ix-xhud kompla jispecifika li huwa kellem lill-avukat zgur il-*weekend* ta` qabel saret l-ittra ufficjali li mbaghad kienet segwita mill-kawza tal-lum. Qal ukoll li meta mietet il-mara tieghu, ma kienx hemm il-hajt u li meta mar il-post f`Gunju tal-2007, il-hajt ma kienx ghadu inbena.

## II. <u>Il-Provi tal-Parijiet l-Ohra</u>

Il-linja li hadu l-konvenuta u wliedha l-kjamati fil-kawza kienet komuni u cioe` li l-hajt tal-gebel in kwistjoni kien ilu s-snin mibni u l-bini tieghu kien approvat mill-attrici Mary Debono u accettat mill-attur Raymond sive` Ramon Debono li ghamel xi zmien jabita regolarment fil-fond tal-atturi.

Fix-xhieda taghha, il-kjamata fil-kawza <u>Mary Rose Briffa</u> (fol 82) [korraborata minn xhieda ohra] xehdet li quddiem id-dhul tal-fond taghhom, dak tal-atturi u ta' fond iehor okkupat minn terzi, kien hemm parapett komuni li jservi t-tliet postijiet u kellu zewg fethiet ta' access : wiehed quddiem il-fond tal-konvenuta u tal-kjamati fil-kawza (u cioe` il-familja Scerri) u l-iehor quddiem il-fond okkupat minn terzi precizament it-Tabib Bugeja. Sabiex il-fond taghhom ma jkunx espost ghall-hsara mill-maltempati tax-xitwa, il-familja Scerri cekknu l-wisgha tat-tarag li minnu wiehed kien jaccedi ghall-parapett. Iben Mary Rose Briffa twieled fit-8 ta` Awissu 1997. Ghall-familja Scerri, din id-data hija importanti u rilevanti ghall-finijiet ta` din il-kawza ghaliex hija relatata mal-alterazzjonijiet li saru fil-parapett. Infatti sena wara li twieled it-tifel, u allura ghall-1998, sar cint tal-injam billi t-tifel kien joqghod jigri bil-*walker* fil-parapett, u allura riedu jevitaw il-periklu ghat-tifel. Fl-2004 inbena l-hajt tal-gebel ghax ic-cint tal-injam kien garrab hsara matul ix-xitwa. Kif inbena dan ic-cint tal-gebel, il-parapett baqa` b`access wiehed biss u cioe` dak ta` quddiem il-fond tat-Tabib Bugeja. Kemm meta c-cint kien tal-gebel, kif ukoll qabel meta kien bl-injam, il-fond tal-atturi kien frekwentat mill-attur Ramon Debono u mill-attrici Mary Debono. Kien precizat mill-istess Mary Rose Briffa li l-fond taghhom kien fil-pussess taghhom b`titolu ta` cens li in segwitu kien mifdi hlief ghall-parapett li baqa` fil-pussess tad-Dipartiment tal-Artijiet.

Xhieda ohra kkonfermaw li c-cint tal-gebel inbena snin qabel saret il-kawza. In partikolari, <u>Raymond Briffa</u> (ir-ragel tal-kjamata fil-kawza Mary Rose Briffa) xehed li l-hajt bil-gebel sar fl-2004 u kien infurmat id-Dipartiment tal-

Artijiet. Il-kjamat fil-kawza Lawrence Scerri (fol 65) xehed li l-hajt fil-parapett sar ‘il fuq minn hames snin qabel l-2010. Il-kjamat fil-kawza Louis Scerri (fol 73) ukoll sostna li c-cint bil-gebel sar fl-2004. Il-gar tal-kontendenti Godfrey Pecorella (fol 68) xehed li l-hajt fil-parapett sar *for the past ten years zgur* (fol 71). Min-naha taghha, gara ohra Helen Camilleri (fol 90) xehdet li certament ghal dawn l-ahhar tmien snin kien hemm cint tal-gebel fil-parapett in kwistjoni.

**Ikkunsidrat -**

Kif jirrizulta specifikament mill-ewwel talba, l-atturi qed jibbazaw l-istanza taghhom u jitolbu rimedju skond it-tieni u t-tielet talbiet taghhom abbazi tal-**Art.534 tal-Kap.16** u cioe` l-*actio manutensionis*. Jekk il-fatti u cirkostanzi tal-kaz jinkwadraw ruhhom f`din id-disposizzjoni, allura l-istanza attrici tirnexxi. Jekk xi element ta` din id-disposizzjoni jirrizulta karenti, allura t-talbiet attrici fl-assjem taghhom ikollhom jigu respinti.

**L-Art.534 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Kull min ikun jinstab fil-pussess, ta’ liema xorta jkun, ta’ haga immobbli jew ta’ universalita’ ta’ hwejje*g *mobbli, jista’,* ***fi zmien sena mill-molestja****,* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti) *jitlob li jinzamm f’dak il-pussess basta li ma jkunx ha b’idejh il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’ titolu prekarju.*

Issa l-*actio manutensionis* ghandha erba` elementi :

1. Il-pussess ta’ ħaga mmobbli jew ta’ universalita’ ta’ ħwejjeg mobbli ;

2. Ikun hemm atti ta` molestja ghal dan il-pussess ;

3. L-azzjoni trid tigi dedotta fi żmien sena mill-molestja ;

4. L-attur ma jkunx ha l-oggett bi vjolenza jew bil-moħbi mingħand il-konvenut.

[Ara s-sentenzi ta` din il-Qorti diversament presjeduta : **"Grixti et vs Schembri"** (31 ta' Jannar 1948), **"Attard vs Cutajar"** (14 ta` Marzu 2001) u **"Mamo vs Galea"** (18 ta` Frar 2004, u dawk decizi mill-Qorti tal-Appell : **"Gatt vs Micallef"** (22 ta' Novembru 1954), **"Borg vs Zammit"** (7 ta` Dicembru 1956) u **"Agius pro et noe vs Cutajar"** (13 ta' Frar 1959)]

**Ikkunsidrat –**

Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament

jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tghid li sabiex tirnexxi l-*actio manutensionis*, l-erba` elementi jridu jissussistu flimkien.

Fl-isfond tal-premess u wara li qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti tghid hekk :

Dwar l-ewwel element, fir-rikors mahluf, l-atturi jsostnu li huma s-sidien u l-possessuri kemm tal-fond 12, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar, kif ukoll tal-parapett fuq quddiem tal-fond u tat-tarag li jaghti ghall-istess parapett. Fir-risposta mahlufa taghhom, il-partijiet l-ohra ghad li ma jikkontestawx it-titolu tal-atturi ghall-fond ut sic fl-istess waqt jikkontestaw it-titolu tal-attur ghall-parapett u ghat-tarag. Maghrufa l-kontestazzjoni tal-partijiet l-ohra dwar il-parapett u t-tarag, kien jimkombi lill-attur il-prova li huma kienu s-sidien jew il-possessuri tal-parapett u tat-tarag. Huwa evidenti li l-atturi ma ressqux din il-prova.

Issa bhala punt ta` dritt irid jinghad li l-azzjoni skond l-Art.534 tal-Kap.16 tispetta biss lil min huwa possessur kif definit fil-ligi (ara – '**Mamo vs Camilleri'** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu 1962) u cioe` min huwa detentur

*cum animo domini* (ara – '**Arrigo vs Anastasi'** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Gunju 1959). U l-kliem tal-ligi *"ta' liema xorta jkun"* ghandu jkun imfisser bhala marbut mal-'*pussess'* mhux ma` kull xorta ta` detenzjoni. Hawn huwa propju fejn l-*actio manutensionis* tiddistingwi ruhha mill-*actio spolii*, ghalkemm it-tnejn huma azzjonijiet possessorji. Ghall-fini tal-Art. 534 tal-Kap.16, id-detenzjoni mhix pussess.

**Trabucchi** (Istituzione di Diritto Civile, ed. XXXIX, Cedam, Italia, 1999) jiccita l-artikolu relattiv mil-ligi Taljana li jirrizulta simili ghal dak fit-test Malti : *"Il possesso e` definito dall'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita` corrispondente all'esercizio del diritto di proprieta` o di un altro diritto reale" (pagna 455).*

Imbaghad ikompli jghid li d-distinzjoni bejn *pussess* u *detenzjoni* tinsab fl-*animus* :

*"E` l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro appaiono in un uguale rapporto di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta` o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella* **...** *Si avra` detenzione e non possesso in chi tiene la cosa … d) nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore dellacosa avuta in locazione, comodatario, ecc)".*

Fl-istess sens ighid **Galgano** (Diritto Privato, quinta ed., Cedam, Italia, 1988) –

*"Occorre, per essere possessore, l'animo o intenzione di possedere (per i romani: animus possidendi), ossia l'intenzione di comportarsi come proprietario della cosa … Non e`, invece, possessore chi*

*detenga la cosa per un titolo (ad esempio, per contratto di locazione, o di affitto o di noleggio) che implichi riconoscimento dell'altruita` della cosa" (pagna 130)".*

**Torrente u Schlesinger** (Manuale di Diritto Privato, dodicesima ed., Giuffre', Milano, 1985) jaqblu li *l'animus* hu dak li jiddistingwi pussess minn detenzjoni *(pagna 387)* u jghidu –

*"La detenzione – che e` la situazione possessoria base – consiste nell'avere la disponibilita` di una cosa, ossia nell'avere la possibilita` di utilizzarla (*corpus) *tutte le volte che si voglia, senza bisogno di superare ostacoli seri e duraturi, pur riconoscendo (*animus detinendi) *che essa e` di altri, cui si deve render conto dell'uso del bene (cosi`, ad es., detentori sono il conduttore, il commodatario, ecc.)" (pagna 381).*

Ikomplu jghidu b`riferenza ghall-*actio manutensionis* li *"a differenza dell'azione di spoglio, non spetta al detentore" (pagna 403)*.

Ghaldaqstant id-detenzjoni mhix inkluza fil-kliem "*pussess ta' liema xorta jkun*" fl-Art.534. Dan isib konferma fid-disposizzjoni ta` wara u cioe` l-Art.535 tal-Kap.16 li jittratta l-azzjoni ta' spoll u fejn ghad-differenza ta` dak li jipprovdi l-Art.534, isemmi kemm il-"*pussess ta' liema xorta jkun*" kif ukoll "*id-detenzjoni*" sabiex bl-aktar mod car jinghad li l-azzjoni ta` spoll tista` titressaq mhux biss mill-possessur izda anke mid-detentur. Mhux l-istess fil-kaz tal-*actio manutensionis* fejn dik trid tkun intavolata mill-possessur *animo domini*.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-parapett kien iservi bhala passagg ghal tliet fondi fosthom it-tnejn tal-kontendenti. Fiz-zmien, kien hemm zewg accessi ghal dan il-parapett sa ma sar l-gheluq ta` wiehed minnhom mill-familja Scerri. Mill-atti akkwiziti ma tirrizultax il-prova li l-atturi kellhom il-

pussess *animo domini* tal-parapett u tal-accessi ghall-istess parapett. Prova ta` dik ix-xorta kienet tispetta lill-atturi. Mill-provi tal-familja Scerri, irrizulta l-maqlub li l-familja Debono ma kellhiex il-pussess rikjest mil-ligi sabiex iressqu l-istanza tal-lum tant li skond dawn il-provi (mhux kontradetti lanqas f`kontroezami) irrizulta li l-possessur tal-parapett kien id-Dipartiment tal-Artijiet.

Ghalhekk l-ewwel rekwizit mhux pruvat.

Dwar it-tieni rekwizit, mhux kontestat li kienet il-familja Scerri li ghalqet l-access sitwat quddiem il-fond taghhom mit-tnejn li jaghtu ghall-parapett in kwistjoni bil-bini ta' cint tal-gebel. Bhala fatt, dan jista` jkun att ta` molestja. Pero` ladarba din il-Qorti diga` eskludiet bhala risultanti l-ewwel element u cioe` dak tal-pussess, ma tistax taccetta li kien hemm att ta' molestja ghall-fini tal-art.534 tal-Kap.16. L-*actio manutensionis* hija intiza ghall-konservazzjoni tal-pussess, filwaqt li l-*actio spolii* ggib ir-reintegrazzjoni. Fl-istess waqt, ghalkemm l-*actio manutensionis* isservi ukoll sabiex il-pussess li jkun interrott jigi ezercitat bhal qabel, l-azzjoni tibqa` insuccess ghaliex l-element tal-pussess vitali ghall-istess azzjoni ma jkunx pruvat.

Ghalhekk it-tieni rekwizit ma jirrizultax.

Dwar it-tielet rekwizit, din il-Qorti trid tghid li l-partijiet fil-kawza kkoncentraw l-isforzi ta` prova taghhom fuq il-kwistjoni jekk l-azzjoni saritx *entro* t-terminu ta' sena ossija jekk l-allegata molestja ghall-pussess saritx qabel is-sena precedenti l-intavolar tal-kawża nkella le. Peress li l-provi tal-partijiet kienu koncentrati ferm dwar din il-kwistjoni, din il-Qorti kienet tistenna li jsir kontroezami anke serrat tax-xhieda li lkoll kemm huma tressqu *viva voce.* Eppure, b`sorpriza ghal din il-Qorti, mank sar kontroezami wiehed. Ghalhekk din il-Qorti trid bilfors toqghod fuq il-provi akkwiziti u tqishom bhala kumpless

bla ma twarrab fil-genb kif il-ligi u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna jqisu l-piz tal-prova. Dan premess din il-Qorti tghid li f`dan ir-rigward, min-naha wahda, ghandha l-uniku xhud li ressqu l-atturi, u cioe' Carmel Debono, li ried jikkonvinci lil din il-Qorti li l-atturi pprezentaw il-kawza fi zmien sena mill-allegata molestja, u min-naha l-ohra numru ta` persuni (fosthom nies mhux parentati mal-partijiet) li xehdu li c-cint tal-gebel in kwistjoni kien ilu fil-post certament ghal numru ta` snin, zgur aktar minn sena qabel l-atturi ghamlu l-kawza tal-lum. Kollox meqjus, din il-Qorti taghti affidament lill-provi tal-konvenuti.

Din il-Qorti kienet tistenna li l-attur Raymond sive' Ramon Debono jaghti x-xhieda tieghu dwar il-kwistjoni ta' meta nbena l-hajt, kunsidrat li l-eta` avvanzata ta` Mary Debono kienet taghmilha prattikament impossibbli li tixhed tajjeb u meqjus il-fatt li x-xhieda ta' hutu l-atturi l-bniet kienet inkonklussiva. Ghalhekk il-pern ta` l-istanza attrici baqghet tistrieh kollha kemm hi fuq ix-xhieda ta' Carmel Debono li fil-kumpless tax-xhieda tieghu min-naha wahda ttenta jghid li *peress li l-mama` ma telghetx izjed u l-papa` kien miet pjuttost ma tantx tlajna 'l hemmhekk ghax ma tantx kien jinteressana* u min-naha l-ohra jaghmel sforz biex jikkonvinci li l-azzjoni saret *in tempo.* Dwar dan, din il-Qorti mhix konvinta. Jekk tassew Carmel Debono huwa kredibbli, u l-ewwel darba li ra c-cint tal-gebel ma kienx qabel Settembru 2007, u minnufih fil-*weekend* ta` wara, mar mill-ewwel ghand l-avukat sabiex jiehu passi, wiehed ma jifhimx ghaliex l-ittra ufficjali attrici kienet prezentata fit-23 ta' Ottubru 2007. Daqstant iehor ma jaghtix affidament l-intrecc ta` dati u cirkostanzi bhala tentattiv sabiex din il-Qorti tkun konvinta li kollox sar fit-terminu, kif daqstant iehor ma nghatat l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghaliex l-azzjoni damet imbaghad sat-3 ta` Gunju 2008 sabiex giet prezentata.

Din il-Qorti tghid li l-preponderanza tal-provi tmil kontra t-tezi attrici li ghalhekk qeghda tkun rigettata. Ghalhekk lanqas it-tielet rekwizit ma jirrizulta.

Dwar ir-raba` rekwizit, ma hemm l-ebda kontestazzjoni.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta stante li din kienet ritirata fil-mori tal-kawza, filwaqt li tilqa` l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u filwaqt tilqa` wkoll l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza, tichad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------